**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 12 TA' MARZU, 2002**

**Numru: 11**

**Avviz Nru: 1152/01 AE**

**Carmelo Sammut**

**vs**

**Larner Mizzi**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' elf mitejn u erbgha u disghajn lira Maltija u hamsin centezmu (Lm1,294.50) rapprezentanti danni kagunati mill-konvenut lill-attur in segwitu ghall-incident tat-traffiku li sehh fi Triq Regjonali, il-Gzira fit-2 ta' Settembru 2001 meta l-konvenut bi traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolament tat-traffiku, waqt li kien qieghed isuq il-vettura tat-tip mini-bus bin-numru IMY 354, holoq l-imsemmi incident

biex l-attur sofra l-imsemmija danni fil-vettura tieghu tal-marka Vauxhall Tigra bin-numru HAT 457.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut u li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident meritu tal-kawza.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukat difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

1. Fit-2 ta' Settembru 2001 il-vettura tal-marka Opel Tigra bin-numru HAT 457 kienet involuta f'incident tat-traffiku li sehh gewwa Triq Regjonali, il-Gzira (hdejn ir-roundabout maghrufa *'tat-tank tal-gass'*), meta s-sewwieq tilef il-kontroll u baqa' diehel f'vettura ohra li fil-hin ta' l-incident kienet wieqfa wara t-*traffic lights*. Il-vettura Opel Tigra kienet qeghda tinstaq minn Raymond Sammut.

2. Is-sewwieq tal-vettura Opel Tigra bin-numru HAT 457 qieghed jikkontendi li huwa tilef il-kontroll tal-karrozza minhabba l-mod kif agixxa l-konvenut li kien qieghed isuq il-

mini-bus bin-numru IMY 354, liema agir tellfu l-kontroll tal-vettura tieghu.

3. Il-kontendenti jaqblu li bejn iz-zewg vetturi ma sar l-ebda kuntatt. Dan ma jeskludix *a priori* r-responsabbilta f'kaz ta' xi nuqqas.

4. Huwa maghruf li: *"f'kawzi civili l-attur li jallega li xi haga gratlu b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjoni tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli, anke jekk il-konvenut ma jipprovax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li dak li gara kien tort tal-attur. Dan mhux ghaliex it-tort ikun tal-attur imma sempliciment ghaliex ma jkunx irnexxielu jipprova dak li allega bhala bazi ta' l-azzjoni tieghu"* (**Dr. H. Lenicher vs J. Camilleri** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fi Frar 1972). Huwa stabbilit ukoll li: *"meta l-verzjonijiet taz-zewg partijiet fil-kawza t-tnejn huma kredibbli u verosimili, l-Qorti ma tistax tiddeciedi favur l-attur,* ***<u>jekk ma jkunx hemm prova sufficjenti li jemani l-bilanc tal-probabilitajiet favur l-istess attur</u>****"* (**G Mifsud vs P Micallef** deciza mill-Prim'Awla fl-1 ta' Lulju 1997).

5. It-Tribunal huwa rinfaccjat b'zewg verzjonijiet kontradittorji, u ghandu d-dover li jqies il-piz tal-provi migjuba quddiemu, ferm dejjem il-principju li min jallega jrid jipprova, in kwantu l-prova *incubit ei qui dicit non ei qui negat*. Kif tajjeb inghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Vincenti Rausi noe et vs Joseph Muscat** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 1992: *"fejn l-assjem tal-provi hu tali li l-verzjonijiet tal-kontendenti huma hekk bilancjati, li kull wahda tista' tirrizulta plawsibbli u veritjiera u ma tirrizultax dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux ohra, ma jiqbax lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza ta' probabiltajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzjoni li l-attur ma jkunx sodisfacentement u konkludentement ipprova it-talbiet tieghu – actore non probante, reus absolvitur"*.

6. It-Tribunal kellu l-opportunita jisma' x-xhieda *viva voce*. Ghalkemm il-membri tal-familja Sammut (li kienu fil-karrozza Opel Tigra) qalu kollha li l-incident sehh ghaliex is-sewwieq tal-mini bus kien rass il-vettura li kienu rekbin fiha, il-konvenut cahad kategorikament li kien hemm xi incident f'dan is-sens. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenut kien konsistenti fix-xhieda li ta quddiemu. Huwa spjega b'mod preciz ir-rotta li kien ghadda minnha hin qabel ma sehh l-incident tat-traffiku, kif ukoll il-manuvri li ghamlet il-vettura Opel Tigra qabel ma sehh l-incident.

7. Ma tistax ma tissemmix ukoll ix-xhieda moghtija min-nutar Dr. John Gambin, xhud okulari li huwa verament indipendenti mill-partijiet. Dan ikkonferma li:

(a) Huwa kien jinsab fi Triq Regjonali. Il-vettura tieghu kienet wieqfa peress li t-*traffic lights* kienu fuq l-ahmar.

(b) Inizjalment il-vettura tieghu kienet *"l-unika karrozza wieqfa. Ghadda ftit ta' hin u bdew jingemghu ftit karrozzi warajja. F'hin minnhom smajt brake pjuttost qawwi"* (fol. 44).

(c) *"Sa fejn naf jien, wara li jiena waqaft kif ghidt mumenti wara bdew jingemghu il-karrozzi u, safejn niftakar, fuq iz-zewg lanes li hemm fuq il-lemin tieghi, waqfu vetturi ohra ghaliex it-traffic lights kienu homor"*. It-triq fejn sehh l-incident fiha tlett kareggjati, li fil-hin ta' l-incident jidher li kien fihom il-vetturi. Difficli ghalhekk li wiehed jifhem kif il-konvenut seta' baqa' ghaddej meta t-*traffic lights* kienu ghadhom juru kulur ahmar u triqtu kienent imblukkata bil-vetturi ta' quddiemu. Dan apparti l-fatt stess li dan ix-xhud ikkonferma li fuq ir-roundabout kien hemm it-traffiku (fol. 45), u kien proprju ghal din ir-raguni li ma rnexxielux jevita l-impatt. Sahansitra mart Raymond

Sammut ikkonfermat ukoll li: *"traffiku kien hemm hafna"* (fol. 30).

8. It-Tribunal ma jistax f'dan il-kaz ighid li, fuq il-bazi tal-provi li tressqu quddiemu huwa moralment sodisfatt li l-attur issodisfa l-oneru tal-prova tieghu, li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident meritu tal-kawza, jew li b'xi mod ikkontribwixxa ghalih. L-avukat difensur ta' l-attur fil-kors tat-trattazzjoni staqsa ghalfejn Raymond Sammut kien indika n-numru tal-mini-bus jekk ma nqala' xejn bejn is-sewwieqa ta' dan iz-zewg vetturi. Ghalkemm domanda bhal din tista' tidher flokha, wahedha ma tistax twassal lit-Tribunal biex jakkolla l-htija ghall-incident fuq il-konvenut. Saret ukoll enfazi fuq il-fatt li l-konvenut iddikjara li: *"jiena kif hrigt mill-mina id-dawl, jigifieri t-traffic lights, rajthom"* (fol. 53). Ghalkemm it-Tribunal ikkonstata personalment li kif il-vetturi johorgu minn din il-mina jridu jipperkorru certu distanza qabel ma jsiru apparenti t-*traffic lights*, dan il-fattur ma jfissirx li l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-konvenuta ghandha tigi skartata.

9. Dan huwa kaz fejn fuq il-bazi tal-provi prodotti quddiemu, it-Tribunal m'huwiex moralment sodisfatt li l-attur issodisfa l-oneru tal-prova li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza, jew li b'xi mod ikkontribwixxa ghalih.

10. It-Tribunal anzi huwa tal-fehma li dan huwa kaz klassiku ta' *res ipsa loquitur*. Ghalkemm l-ufficjal tal-pulizija li mar fuq il-post ta' l-incident xehed li l-brejk marks li halliet il-vettura Opel Tigra ma kienux rilevanti, il-hsara li garrbet il-vettura kienu estensivi u tindika velocita qawwija. Id-daqqa tant kienet vjolenti li l-vettura li giet milquta (dik misjuqa minn Carmen Debono) bid-daqqa li qalghet giet imbuttata 'il quddiem, telget il-bankina u sahansitra baqghet diehla fil-vettura ta' quddiemha (dik misjuqa min-nutar Dr. John Gambin). Skond Carmen Debono: *"il-hsarat fuq il-vettura tieghu kienu kbar, tant u hekk li kienet total right off. Irrid nghid li l-hsara fil-karrozza misjuqa minn Sammut kienet ukoll kbira u kienet fuq in-naha tax-xellug ta' quddiem"* (fol. 34). Rilevanti huwa l-fatt li fil-hin li sehh l-incident it-*traffic lights* kienu ghadhom fuq l-ahmar, u s-sewwieq tal-vettura Opel Tigra kellu l-obbligu li f'dik il-parti tat-triq inaqqas il-velocita konsiderevolment sabiex ikun jista' jieqaf minghajr periklu. Fil-fehma tat-Tribunal bis-sewqan tieghu Raymond Sammut qeghed lilu nnifsu f'sitwazzjoni fejn tilef il-kontroll tal-vettura.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jichad it-talba ta' l-attur, bl-ispejjez kontra tieghu.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**